MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 617/2014

**Cassola Maria Egizja armla minn Luigi**

**Vs**

**Theresa Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Settembru, 2014 fejn l-attrici talbet lill-intimata tigi kundannata li thallas is-somma ta' sitt ewro (€6.00) rapprezentanti awment ta' kera dovut fuq il-fond propjeta tal-attrici u okkupat mill-intimata. Bl-ispejjez inkluz inkluzi dawk tal-ittri interpellattorji datati (20) ta' Jannar, 2014; tnax (12) ta' Mejju 2014; disgha (9) ta' Gunju, 2014, erbatax (14) ta' Awissu 2004; hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu 2014; u tas-sittax (16) ta' Gunju 2014 u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet illi l-esponenti tghid illi preliminarjament dan it-Tribunal huwa nkompetemti milli jiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante illi din il-Materja hija ta ' kompetenza tal-Bord li jirregola l-kera.

Sekondarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti m'ghandha tbati l-ebda spejjez in konnessjoni ma dawn l-atti stante illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz l-esponenti kienet hallset dak minnha dovut u han reklamat u l-attur, ghal xi raguni li jafha hu biss irrifjuta l-pagamenti.

Illi wkoll l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez stante hija qatt ma cahdet lill-attur minn dak li jista jkun dovut lilu, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

It-Tribunal wara li ra l-affidavits ipprezentati fejn l-attrici ma pprezentat affidavits taghha izda gie pprezentat affidavit ta' certu Hector Cassola li ma ndikax bl-liema awtorita' jew permess kien qed jitlob il-hlas ta' kera jew ammont minghand il-konvenuta.

Min-naha l-ohra l-konvenuta pprezentat affidavit kemm taghha kif ukoll ta' bintha Pierina Spiteri fejn stqarrew illi huma lesti jhallsu dak li hu dovut minnhom u kien biss in zvista illi baghtu cekk b'ammont inqas minn dak li kellu jithallas.

Ghalhekk u ghal din ir-raguni t-Tribunal jilqa' it-talba attrici ghas-somma ta' sitt ewro (€6.00) u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Kawza tibqa' minghajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------